MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2011

Numru. 1113/2010

Il-Pulizija
(Sp Yvonne Farrugia)
vs
Joel Davide Camilleri, iben Joseph, imwieled Pieta' fil-25 ta' Ġunju, 1986, Karta ta' l-Identita numru 289686(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-20 ta' Mejju, 2009 jew fil-jiem ta' qabel, ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, għin jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, u cioe' ċertifikat tal-VRT falz;

2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, għain jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn, bħala operaturi jew persuni li kellhom liċenzja biex jittestjaw, ħarġu ċertidfikat li kien juri li l-vettura għaddiet mit-test meta l-istess vettura ma kinitx ġiet tested.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 42(a)(d) u 188 tal-Kodiċi Kriminali u ir-regolament 25(b) ta' l-LS65.15. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------